MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1588/1994/1

Gerald Bonello P.L. ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Francesco Fenech Limited
vs
Adrian Zammit Tabona

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta illi:

Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u hdax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm6,611.05) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' materjal lilu mibjugh u konsenjat u ta' xoghol maghmul fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.
Peress illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u hdax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm6,611.05) bilanc ta’ somma akbar dovuta bhala prezz ta’ materjal lilu mibjugh u konsenjat u ta’ xoghol maghmul fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ sitt elef, sitt mija u hdax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm6,611.05) fuq indikati.

Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Adrian Zammit Tabona li eccepixxa:

1. Illi Gerald Bonello ghandu jipprova l-mandat tieghu u fin-nuqqas il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal ***de quo*** ma kienux tal-kwalita` pattwita u li x-xoghol ma kienx skond il-kuntratt u/jew skond is-sengha w l-arti; bhala rizultat il-konvenut sofra danni u ghalhekk ikun opportun illi jigu likwidati dawn id-danni sabiex jigi stabbilit min ghandu jaghti lil min.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**C. KONTRO TALBA:**

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li talab li:

Peress illi l-konvenut kien ordna madum u xoghol ta’ tqeghid ta’ l-istess fid-dar personali tieghu.

Peress illi l-madum ***de quo*** ma kienx tal-kwalita` pattwita u peress illi x-xoghol ta' tqeghid tal-istess ma sarx skond il-kuntratt u/jew skond is-sengha w l-arti.

Peress illi bhala rizultat ta' dawn l-inadempjenzi kontrattwali tas-socjeta` attrici, il-konvenut sofra danni kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi s-socjeta` attrici kienet unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut.

Il-konvenut talab lill-Qorti biex:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-attur responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut bhala rizultat tal-inadempjenzi kontrattwali tal-obbligi minnu assunti verso l-konvenut.

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-konvenut okkorrendo b'opera ta' perit nominandi; u

3. Konsegwentement l-attur nomine jigi kundannat ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**D. ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur Gerald Bonello nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut Adrian Zammit Tabona li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-attur ma kisirx l-obbligi kontrattwali assunti, anzi kien proprju l-konvenut li ghamel dan.

2. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-attur.

3. Illi ghalhekk m’ghandux jigu kundannat ihallas l-ebda ammont.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat illi fis-27 ta’ Novembru 1995 gie nominat il-Perit Arkitett Joseph Jaccarini bhala perit tekniku, li zamm numru ta’ seduti u irrelata bil-miktub. Fiha ghamel is-segwenti osservazzjonijiet u konkluzjonijiet:

**“OSSERVAZZJONIJIET.**

Is-Socjeta` attrici kienet giet inkarigata biex tissupplixxi rham ta’ tip “marfin” u “rosso coleandro” fid-dar li l-konvenut ghandu gewwa l-limiti tal-Gudja u dan kif jidher tajjeb mid-dokumenti esebiti konsistenti f’kuntratti li gew iffirmati mill-partijiet koncernati f’din il-kawza. F’dawn il-kuntratti ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-hxuna ta’ l-irham li kellu jigi supplit, izda kien hemm indikazzjoni tal-qisien superficjali tal-madum li kien indikat bhala 40 centimetru b’ 40 centimetru ghar-rigward ta’ l-irham tip “marfin’.

Fl-istess kuntratti hemm indikat li s-socjeta` ghamlet certi riservi jew kundizzjonijiet li bihom kien qed jigi supplit il-materjal fornut lill-konvenut. Dawn jiddikjaraw li l-irham kien qed jinbiegh u jigi konsenjat lix-xerrej, f’ dan il-kaz il-konvenut, “tale quale” u mill-bejgh kienet giet eskluza l-garanzija ghall-vizzji mohbija. Gie dikjarat ukoll li xi tibdil tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet prezenti kellu jsir bil-kitba u l-ebda prova dwar allegati tibdil ma ghandha tigi sottomessa u accettata jekk mhux permezz ta’ ftehim bil-

miktub iffirmat mill-partijiet. Dwar l-irham gie rilevat illi ghalkemm is-socjeta` attrici taghmel kull sforz biex ix-xoghol jigi esegwit skond il-materjal ordnat, is-socjeta` ma setghetx tiggarantixxi qbil ezatt tal-vini u sfond ta' l-irham, u lanqas ma ggarantixxiet li ma jixpakkax peress li fin-natura tieghu l-irham hu difettuz. L-uniku kuntratt li fih issemmew hxuna kien dak li gie esebit Dok "FF 3" ghall-provvista u tqeghid ta' irham tat-tip "marfin" ghat-turgien u sollijiet. L-irham kellu jitqieghed bil-fil mitluf u fil-"living room" bi stil hekk gie msejjah "kannizzata".

Il-konvenut ghalhekk mill-bidu nett tal-ftehim fix-xiri ta' l-irham kien jaf li l-irham li kien sejjer jigi supplit seta' kellu difetti naturali li huwa accetta meta ffirma tali kuntratti. It-tqeghid kien sar mis-socjeta` attrici tramite Bendict Pulis, persuna li s-socjeta` attrici kienet tikkontratta, minn zmiem ghall-zmien, ghat-tqeghid tal-prodotti taghha. Skond ma rrizulta f'kawza ohra separata, ic-cangatur ghamel ix-xoghol tieghu skond l-arti u s-sengha. Il-kawza odjerna hija wahda fuq hlas ta' bilanc li ghad irid jithallas mill-konvenut li kien qieghed jilmenta minn difetti fil-materjal supplit, li skond il-kuntratti ffirmati, fil-kaz ta' l-irham tali difetti kienu aspettati. Barra minn hekk l-esponenti Perit Tekniku waqt l-accessi li zamm ma rrizultalux li l-ilmenti fil-fili kienu ta' xi entita` partikolari izda kienu tollerabbli u normalment accettabbli ghaliex kienu fil-limiti ta' dak li huwa indikat fil-British Standards li jirrigwardaw il-hxuna tal-fili bejn madum adjacenti u dan x'aktarx f'madum manufatturat li jkun iktar preciz minn tiles ta' l-irham li jistghu jvarjaw fil-process tal-qtugh. L-ilmenti l-ohra li jirrigwardaw l-irham huma koperti bid-dikjarazzjonijiet li saru mal-ftehim li gew imsemmija iktar 'il fuq f'din ir-relazzjoni.

Fix-xhieda li giet ikkwotata u li nghatat kemm mill-persuna li ghamlet l-iccangar kif ukoll minn binha, jirrizulta li l-irham li kien qed jigi supplit ghat-tqeghid kien jigi ezaminat mill-"handyman" tal-konvenut u rham li kien jigi rifjutat kien jintbaghat lura lis-socjeta` attrici. Irham gdid kien jintbaghat, izda anki xi rham li kien jigi ritornat kien jerga' jmur lura ghat-tqeghid. Il-konvenut kien ta ordni li l-irham kellu jitqieghed u wara kellu jitkellem mas-socjeta` attrici

fuq hekk. Huwa fatt, li l-konvenut kien jaf li l-irham li kien sejjer jigi supplit lilu seta' kellu difetti kif iffirma hu stess fil-kuntratti esebiti, u ghalhekk is-socjeta` attrici meta bidlet xi irham minn dak li kien gie ritornat lura kienet qed turi li riedet taqdi lill-konvenut mill-ahjar li setghet. Ix-xhieda li giet ikkwotata ghandha relevanza ghall-kawza in ezami. Kien qed isir kontroll dwar l-irham li kien qed jigi supplit ghat-tqeghid. L-irham tqieghed tajjeb mill-persuna inkarigata mit-tqeghid u l-fili li rrizultaw kienu ta' hxuna normalment tollerata taht ir-rekwiziti tal-British Standard Specifications. L-irham kif tqieghed jidher f'wiehed mir-ritratti mehuda waqt l-access li nzamm - Ritratt Nru: 3. Irid jissemma wkoll il-fatt, li xi rham li tqieghed f'wahda mill-kmamar, kien gie maqluh mis-socjeta` attrici, minhabba li l-konvenut kien wera li dak li sar ma kienx joghgbu.

Mill-banda l-ohra l-faxex li twahhlu fis-sitting room bl-irham ta' tip "rosso coleandro" bhal ma jidher tajjeb fir-ritratt Nru: 2, f'xi partijiet taghhom, l-irham li gie supplit ma kellux l-istess dimensjonijiet, specjalment fil-parti tal-inkrocju taghhom u sahansitra kienu gew immarkati bic-chaser, destinati ghall-qlugh biex jergghu jigu provduti mill-gdid u mqeghda ahjar, mill-Foreman tas-socjeta`. Dan jidher fir-ritratt Nru: 1. Is-socjeta` kienet accettat bhal ma jidher fix-xhieda ta' Anthony Fenech, wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` attrici, fejn asserixxa li l-konvenut f'certi kazi kellu ragun jilmenta u kienu saru sforzi biex l-istess konvenut jigi kuntentat.

Fic-cirkostanzi, l-esponenti Perit Tekniku jidhirlu li l-irham li gie supplit lill-konvenut kien gie dikjarat li seta' jkollu difetti u ghalhekk il-konvenut kellu jaccetta dak li kien qed jigi supplit lilu. Mill-banda l-ohra s-socjeta` attrici sa fejn setghet ghamlet l-isforzi taghha biex xi rham seta' jigi mibdul u accettat taghmel dan meta l-Foreman ta' l-istess socjeta` kien immarka l-irham li kellu jinbidel bic-chaser. Izda s-socjeta` ma thallietx issegwi dak li kellha f'mohha taghmel ghaliex l-istess socjeta` kienet giet avzata permezz ta' ittra legali, biex ma tersaqx lejn il-proprjeta` tal-konvenut.

Il-bilanc li ghad baqa' jithallas huwa, skond kif imsemmi fit-talba attrici, ta' Lm6,611.05 li minnu ghandha titnaqqas l-ispiza li trid issir biex jinbidlu xi strixxi jew faxex li twahhlu fis-"sitting room" tal-Farmhouse, residenza tal-konvenut. Il-bdil ta' dawk l-istrixxi li kienu gew immarkati mill-Foreman tas-socjeta` attrici u xi partijiet li jmissu maghhom, jistghu jikkagunaw hsara fl-irham adjacenti maghhom u ghalhekk il-qlugh ta' dan l-irham jirrikjedi xoghol b'attenzjoni kbira. Barra minn hekk irid jerga' jigi supplit irham mill-gdid u mqieghed mill-gdid. Dan ix-xoghol huwa stmat li jlahhaq is-somma ta' cirka Lm535.60 - hames mija u hamsa u tletin liri ta' Malta u sittin centezmu, liema ammont irid jitnaqqas mis-somma msemmija ta' Lm6,611.05 u l-bilanc dovut ghalhekk ikun ilahhaq is-somma ta' Lm6,075.45 – sitt elef u hamsa u sebghin lira ta' Malta u hamsa u erbghin centezmu, salv x'interessi kummercjali li ntalbu fic-citazzjoni.

**KONKLUZJONI:**

L-irham li gie supplit mis-socjeta` attrici kien gie kwalifikat bil-kundizzjonijiet li hemm indikati fil-kuntratti li gew iffirmati bejn il-partijiet koncernati. Fosthom ma kenitx inghatat garanzija ghall-vizzji mohbija, lanqas ma nghatat garanzija dwar il-qbil ezatt tal-vini u sfond tal-irham u li ma jixpakkax peress li fin-natura tieghu l-irham huwa difettuz. Mela l-konvenut kellu jistenna li fl-irham li xtara seta' kien hemm dawn id-difetti u sahansitra kien hemm, izda s-socjeta` kienet accettat li tibdel xi rham li kien jintbaghat lura ghandha wara li jigi maghzul fuq il-lant tax-xoghol.

It-tqeghid ta' l-irham kien sar b'fili li kienu jvarjaw, izda mhux talli li ma setghux jigu tollerati u minn dak li gie osservat waqt l-accessi li nzammu dawn il-fili kienu konformanti ma' dak li normalment isir u kienu fil-limiti ta' tolleranza stipulati fil-British Standard Specification. Izda f' xi parti minnhom l-irham ma kienx ta' konistenza wahda u ta' qies wiehed u dan gie accettat mis-socjeta` attrici li sahansitra mmarkat tramite l-Foreman taghha, irham li kellu jinqala' u jinbidel. Dan ma sarx ghaliex is-socjeta` attrici giet prekluza milli tersaq lejn il-proprjeta` tal-konvenut.

Hija ghalhekk l-opinjoni ta’ l-esponent li ghalkemm is-socjeta` attrici ma thallietx taghmel it-tibdil li kien jinhtieg, xorta wahda ghandha tnaqqas mill-bilanc dik is-somma li kienet sejra tbati kieku ghamlet ix-xoghol. Din is-somma hija kif diga` ssemma ta’ Lm535.60 - hames mija u hamsa u tletin liri ta’ Malta u sittin centezmu, u ghalhekk waqt li ghandu jigi accettat skond l-ewwel talba attrici li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta`, izda mhux fl-ammont imsemmi, imma dak li jirrizulta wara t-tnaqqis li qed jigi suggerit, u b’hekk jirrizulta ammont dovut ta’ Lm6,075.45 – sitt elef u hamsa u sebghin liri ta’ Malta u hamsa u erbghin centezmu. Din is-somma tirrizulta wara li titnaqqas in-nefqa li l-istess socjeta` kienet sejra tizborza kieku thalliet tibdel irham tal-faxex fis-“sitting room”.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet prezentati mill-konvenut ma rrizultax li l-materjal patwit ma kienx tal-kwalita` miftehma. L-ebda prova ma ngabet f’dan ir-rigward, kif ma ngabet l-ebda prova dwar id-danni li allegatament sofra l-konvenut, u li fuqhom l-esponent ma setax jippronunzja ruhu minhabba li l-konvenut naqas milli jgib a konjizzjoni tal-esponent xhieda rigwardanti l-allegati danni.”

**F. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta’ hlas ta’ bilanc li ghad irid jithallas mill-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut jilmenta minn difetti fil-materjal supplit. Jinghad li mill-bidu nett tal-ftehim fix-xiri tal-irham il-konvenut kien jaf li l-irham li kien sejjer jigi supplit seta’ kellu difetti naturali. Irrizulta wkoll li c-cangatur ghamel ix-xoghol tieghu skond is-sengha u l-arti. Ukoll lill-Perit Tekniku ma rrizultalux li l-ilmenti fil-fili kienu ta’ entita` partikolari. Irrizulta wkoll li l-irham li kien qed jigi supplit ghat-tqeghid kien jigi ezaminat mill-handyman tal-konvenut u irham li kien jigi rifjutat kien jintbaghat lura lis-socjeta` attrici.

Mill-banda l-ohra faxex li twahhlu fis-sitting room tat-tip “rosso coleandro” ma kienx ta’ dimensjonijiet rikjesti. Is-socjeta` attrici kienet disposta biex tbiddel xi irham li ma kienx kif pattwit. Izda s-socjeta` ma thallietx issegwi dak li kellha f’mohha taghmel ghaliex l-istess socjeta` kienet giet

avzata permezz ta' ittra legali, biex ma tersaqx lejn il-proprjeta` tal-konvenut. Ma rrizultax li l-materjal provvdut ma kienx tal-kwalita` miftiehma.

Il-bilanc li ghad baqa' jithallas huwa, skond kif imsemmi fit-talba attrici, ta' Lm6,611.05 li minnu ghandha titnaqqas l-ispiza li trid issir biex jinbidlu xi strixxi jew faxex li twahhlu fis-"sitting room" tal-Farmhouse, residenza tal-konvenut. Il-bdil ta' dawk l-istrixxi li kienu gew immarkati mill-Foreman tas-socjeta` attrici u xi partijiet li jmissu maghhom, jistghu jikkagunaw hsara fl-irham adjacenti maghhom u ghalhekk il-qlugh ta' dan l-irham jirrikjedi xoghol b'attenzjoni kbira. Barra minn hekk irid jerga' jigi supplit irham mill-gdid u mqieghed mill-gdid. Dan ix-xoghol huwa stmat li jlahhaq is-somma ta' cirka Lm535.60, liema ammont irid jitnaqqas minn Lm6,611.05 u l-bilanc dovut ghalhekk ikun ilahhaq is-somma ta' Lm6,075.45.

Il-konvenut ma gab ebda prova dwar li danni li allegatament sofra.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' Gerald Bonello li jrid jipprova l-mandat tieghu, dan gie pruvat b' mod indirett mid-depozizzjonijiet tad-diretturi tas-socjeta` attrici u impjegati taghha u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Sekondarjament il-konvenut eccepixxa li l-materjal de quo ma kienx tal-kwalita` pattwita u li ma kienx skond il-kuntratt u/jew skond is-sengha u l-arti. Kif issemma fuq irrizulta li x-xoghol kien skond is-sengha u l-arti meta gie ezaminat mill-Perit Tekniku u anke l-fili kienu kif suppost, u li l-materjal kien a tenur tal-ftehim bejn il-partijiet. Fl-istess tieni eccezzjoni l-konvenut issottometta li ghandhom jigu likwidati d-danni izda fil-kors tal-kawza ma gab ebda prova dwar dawn id-danni u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tieghu. Dwar it-talbiet attrici s-socjeta` attrici talbet li l-Qorti tiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma ta' Lm6611.05 bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' materjal li ilu mibjugh u konsenjat, u ta' xoghol maghmul fuq inkarigu tieghu. Irrizulta li kien

intlahaq ftehim bejn il-partijiet u li l-prezz kien determinat u li a bazi tieghu l-konvenut kellu jhallas bilanc ta' Lm6611.05. Kif issemma aktar 'il fuq kellhom isiru xi xogholijiet minhabba xi difetti li jammontaw ghal Lm535.60 liema xogholijiet ma sarux mis-socjeta` attrici minhabba li l-konvenut ma halliex li dawn ix-xogholijiet isiru. Illi ghalhekk jirrizulta car li l-ammont dovut huwa ta' Lm6075.45.

Is-socjeta` attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal Lm6611.05 li naturalment irid jonqos ghal Lm6074.45. L-abili difensur tas-socjeta` attrici kkontendiet li kien tort tal-konvenut li x-xogholijiet ma sarux u li ghalhekk kien il-konvenut li kellu jbati l-ispejjez kollha, ma' liema sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx minhabba li kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici mill-bidu nett li tissupplixxi u tqieghed kollox kif suppost. Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm6075.45.

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba fuq l-istess xoghol u li fiha semma li minhabba l-inadempjenzi kontrattwali tas-socjeta` attrici l-konvenut sofra danni u talab dikjarazzjoni f' dan is-sens, likwidazzjoni u kundanna hlas, ghal liema kontro-talba s-socjeta` attrici eccepiet li ma kenitx kisret ebda obbligi kontrattwali izda kien il-konvenut li ghamel dan u li ma hemmx danni x' jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent. Kif inghad aktar 'il fuq il-konvenut ma gab ebda prova tad-danni subiti mill-konvenut u ghalhekk filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici, tichad il-pretensjonijiet tal-konvenut fil-kontro talba.

Spejjez tal-kontro-talba kollha kontra l-konvenut, u tac-citazzjoni principali jithallsu ghaxar partijiet minn hdax (10/11) mill-konvenut u parti minn hdax (1/11) mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------